MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 16

20 ta' Lulju 2020

Il-Kunsilli Lokali H'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Remigio Bartolo – Kunsillier
John P.Bonnici – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Helen Caruana – Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier
Maria Concetta Scerri - Kunsillier
Giorgio Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-5.37pm. Kulħadd kien preżenti bl-eċċezjoni tal-Perit Giorgio Schembri.

## 16.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

16.1.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġiji.

## 16.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

16.2.1 Il-minuti 14 & 15 ġew approvati wara li l-Avukat Helen Caruana ikkummentat li fil-minuti 14 item 14.9 mhux qed jingħad min saqsa. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hi kienet li saqsiet.

## 16.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward:

16.3.1 ***Uffiċċini***
Is-Sur Cordina qal li fuq nota tajba il-permess tal-Ufiċċini. Naturalment qal is-Sindku issa jmiss il-proċess ta' *tendering turnkey*.

***Devoluzzjoni***
Is-Sur Cordina talab permess lill-Kunsill sabiex issir talba għad-devoluzzjoni tal-*Embankment.* Peress li mid-deċiżjoni ta' qabel kienu għaddew sitt xhur issa biex jinbeda l-proċess kien hemm bżonn ta' qbil unanimu. It-talba għal din id-devoluzzjoni hi mal-linja li l-Kunsill ikompli jieħu ħsieb l-*embankment* għas-snin li ġejjin.

***Kunċert Chamber Evenings***
Is-Sur Cordina irċieva talba mingħand is-Sur Pierre Grech li xtaq għan-nom tal-Metropolitan Orchestra jagħmlu kunċert b'xi kantanti u għamlu talba ta' donazzjoni ta' €500 u 50 siġġu. Ovvjament ma tistax issir b'donazzjoni imma trid issir bħal li kieku qed jinxtara s-servizz tagħhom u ssir għan-nom tal-Kunsill. Huma kienu għamlu suġġeriment li ssir fil-31 ta' Lulju imma d-data kienet viċin wisq għalhekk, kompla s-Sindku ġiet suġġerita d-data tas-7 ta'Awwissu. It-talba ġiet aċċettata.

***Ħajt fi Triq il-Linja***
Is-Sur Cordina qal l-Perit ħejja rapport fuq jekk sarx skont il-permess tal-MEPA u skont is-sena. Is-Sur V. Galea qal li ċċekkja mal-MIP u hu mibni filata baxxa. Qal ukoll li l-ħajt suppost mibni fuq ġebla tal-ġidra. Skont ir-rapport tal-Perit il-permess ma kienx maħruġ biex jiġi mibni fuq stil ta' ġidra imma *fairfaced.* Il-Perit ġie kkuntatjat u qal li l-ħajt mhux sa jaqa' u strutturalment mibni mhux ħażin u *fairfaced tfisser* li mibni b'ġebla maltija. Dr. Brincat qal li ma kienx hekk imma nofsu kien fuq il-ġidra. Fl-opinjoni tal-Perit estetikament mhux sabiħ imma ma jfissirx li mhux mibni sew. Min-naħa ta' permess m'hemmx iktar x'jista' jsir. Dr. Brincat qal li l-permess kien DS *dangerous structure* u li meta jiġri hekk irid jiġi mibni kif kien qabel. Il-Perit Falzon qal li ma kienx mibni bil-ġidra skont google maps u l-permess qal ċar li l-ġebla trid tkun *fairfaced*.

Issa *fairfaced* hija ġebla li kif inhi mibnija jekk tkun irfinata tista' ssir fuq il-fil. Is-Sindku rringrazzja l-Perit tal-ispjega.

## 16.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

16.4.1 Dr. H. Caruana

- Saqsiet jekk kienx hemm żviluppi fuq Triq A. Durer. Is-Sur Cordina qal li għandhom laqgħa din il-ġimgħa stess. Is-Sur Cordina qal li hu tal-parir li kif ikun hemm id-deċiżjoni jiktbu lir-residenti huma stess.

16.4.2 John P. Bonnici

- Saqsa fuq l-istatwa li nqalgħet minn Triq iż-Żagħfran. Hu qal li din inqalgħet misterjużament. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li huma ma jkunux jafu x'hemm fil-permess. Wara diskussjoni fuq l-importanza tagħha u fuq il-fatt li meta kien hemm statwi simili inqalgħu bil-prudenza u reġgħu tpoġġew mill-ġdid, ġie deċiż li tintbagħat imejl lill-Heritage Malta sabiex jiġi ċċarat x'ġara minnha jekk kinitx f'xi permess li tinqala' jew le.

16.4.3 Connie Scerri

- Qalet li fuq dak li kienu qed jitkellmu, iġiefieri l-ħajt ta' Triq il-Linja għamlulha lment li m'hemmx bankina u li m'hemmx *bus shelters*. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-*bus shelters* hemm linji gwida fuq kemm trid tkun wiesa' t-triq, il-bankina sabiex issir il-*platform* u naturalment hemm il-fażijiet li fihom trid issir applikazzjoni l-MEPA biex jiġu nstallati. Dan il-*bus shelter* partikulari ma jistax isirlu *shelter*. Is-Sur Cordina saqsa lis-Sinjura Scerri jekk hix qed titlob li jiċċaqlaq, għax kompla jgħid li hu issa xeba' bit-tidwir ta' diskors kemm mal-*Land Transport* minn persuna partikulari li akkost ta' kollox trid li dan il-*Bus Shelter* jiċċaqlaq u li ilhu jdur dawra durella. Qal li dan l-istess persuna qed jitlob parking quddiem l-iscotts biex jitneħħa l-*yellow line u* jsir parkeġġ biex jipparkja hu.
- Qalet li għamlet webinar ma' Fanny ta' Friends of the Earth. Is-Sur Bartolo qal li hu kien bgħat imejl u kien ikkuppja l-kulħadd u jekk kellha tiltaqa' ma' xi ħadd online jew le kellha tinforma lill-Kunsill. Is-Sinjura Scerri qalet li l-Kunsill irid isib post bħall-Istazzjon. Is-Sur Cordina qal li l-Istazzjon m'hemmx post żgur għax l-Info Centre ħa jieħu l-*platform* u l-*area* oriġinali tat-*train station.* Qal ukoll li meta jkunu ħa jitħawwlu siġar fl-area mal-art per esperjenza wkoll jridu permessi tal-Enemalta u WSC sabiex jaraw jekk hemmx xi *cables* għaddejjin.
- Il-Perit Schembri ingħaqad onlajn 6.07pm. Mistoqsi jekk jafx xi ħaġa fuq din l-iskema hu qal li s'issa ma jaf xejn. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li minn informazzjoni li għandha jiġu allokati fondi mill-Planning Development Fund u huma jkunu biss jridu identifikazzjoni ta' post u area vasta. Ikunu jridu sit biex tiġi developed from *scratch*.
- Saqsiet jekk il-kuntratt tat-tisqija wasalx biex jispiċċa. Is-Sur Cordina qal li le.
- Saqsiet fuq it-tabib tal-Berġa. Is-Sur Cordina qal li s-servizz se jerġa jiddaħħal bil-mod il-mod u ġie ċċarat fuq il-misinterpretazzjonijiet min-nies li għall-pilloli m'hemmx bżonn riċetti għalissa

16.4.4 Remigio Bartolo

- Saqsa fuq l-applikazzjoni tad-dawl u fuq l-applikazzjoni tal-Info Centre. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed taħdem fuq applikazzjoni ta' *meter* temporanju u għalissa qed tmexxi fuq tad-*drip irrigation*. Rigward l-Info Centre kien hemm talba għall-fondi extra li ġiet aċċettata u minn hemm issa jimxu għall-online tender.

16.4.5 Victor Galea

- Qal li l-Bus Shelter fi Triq in-Nutar Zarb maħmuġ ħafna u jrid jitnaddaf. Is-Sur Cordina qal li rrapurtat.
- Talab li ssir tabella oħra ħdejn il-Kunsill għax min tiela' bil-karozza ma jindunax bit-tabella jekk hi fuq il-lemin biss.Is-Sur Cordina qal li jekk hemm bżonn issir tabella oħra imma baqa' jinsisti li hemm tnejn biżżejjed.

## 16.5 Approvazzjoni ta' Estimi Finanzjarji Riveduti 2020

16.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjega fuq l-ispejjeż matul dawn is-sitt xhur u qalet li kellhom jiġu miżjuda l-ispejjeż tal-kirja tal-Uffiċċini fuq sitt xhur, €15,000 marbuta ma' spiża ta' revizjoni ta' pjanti li ġa tkellmu fuqhom tal-*Info Centre u* €15,000 oħra li jridu jidħlu mir-Reġjun. Hi qalet li diġa' kellhom stampa ċara ta' dawn l-aħħar sitt xhur u għalhekk kienu iktar f'pożizzjoni tajba li jaraw l-ispejjeż u jkunu kemm jista' jkunu eżatt. Dawn l-Estimi Finanzjarji Riveduti (Baġit 2020) ġew approvati.

## 16.6 Risposta tas-Sindku għar-Rapport tal-Awdituri 2019

16.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qrat ir-risposta u tat spjega ħafifa fuq il-punti awditjati fosthom kien hemm fuq l-assi li huma overinsured, it-tender tal-*accountancy services*, l-ispiża ta' Jum il-Lokal, li l-Accounts ma' jiġux rikonċiljati fl-ewwel 10 t'ijiem imma kompliet tgħid li peress li x-xogħol isir kollu minnha mhux dejjem possibli jsir f'daqshekk qasir żmien. Is-Sindku hawn irringrazzja lis-Segretarju talli tul dawl l-aħħar 15-il sena dejjem għamlet ix-xogħol kollu konness mal-*inputting* u rapporti oħra. Qalet ukoll li kien hemm punt fuq id-DLG shortages li ġie ċċarat li ħa jitħallsu minnhom u kien hemm ukoll punt tas-*Service Provider* li talbu tliet kwotazzjonijiet fuq is-*Service Provider flok waqaf waqt il-Covid 19 dan ġie estiż bi tliet xhur. Kien hemm punt fuq riċevuti fiskali* ta' kotba li nxtraw għal-librerija mingħand studenta li ma' kelliex ovvjament ktieb tal-VAT, fuq is-*supplier statements* li ma ġewx provduti għalkemm kien hemm miktub fuq kull *payment voucher*. Issemmew il-problemi li hemm preżenti mal-bank lokali minħabba muniti u ċekkijiet. Rigward il-payroll kien hemm punt fuq impjegata li gie mġedded *leave* tagħha ta' iktar minn 48 siegħa. Din ir-risposta ġiet approvata u sa tintbaghat għada stess.

## 16.7 Rapporti: Approvazzjoni tar-Rapport t'Evalwazzjoni Knis

16.7.1 Ġie approvat ir-rapport t'Evalwazzjoni hekk kif ippreżentat mill-Evalwaturi li mxew fuq il-kriterji mitluba u li minħabba li kien BPQR ir-riżultat kien wieħed awtomatiku.

## 16.8 *Items* oħra ta’ xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

16.8.1 Ma kienx hemm items oħra.

## 16.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta’ Pagamenti

16.9.1 L-Avukat Caruana saqsiet fuq item 50 Architecture XV. Ġie spjeġat lilha li dawk kienu spejjeż marbuta mal-*preliminary plans* kif ga ntqal tal-*Info Centre*. Staqsiet fuq item 55 u 56. B. Grima and Sons fuq l-i*sleeping policemen* fi Triq Hannibal li ovvjament isiru bl-approvazzjoni ta’ Transport Malta.

## 16.10 Mozzjonijiet; u

16.10.1 Inqrat il-Mozzjoni fuq Data Stabbilita ta’ Jum Ħ’Attard. Għaddew għall-votazzjoni u l-mozzjoni għaddiet unanimament.

## 16.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

16.11.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.51pm u ġiet aġġornata għat-13 ta’ Awwissu 2020 fis-5.30pm.

Konfermati, illum 13 ta’ Awwissu 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stefan Cordina | Marica Mifsud |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |